TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 189/16/F

**Charles Cauchi**

**vs**

**Float Glass Ltd.**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija u disgħin ewro (€990), rappreżentanti ħġieġ li nfaqa' wara li twaħħal.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimta, u wara li ra r-rapport tal-Espert Tekniku ex-parte, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa kien ordna l-bibien bil-ħġieġ ġo fihom, u illi skond ir-rikorrenti l-ħġieġ kellu jkun tempered. Filwaqt illi t-Tribunal, jinnota li fl-*order form* ma tniżżlitx il-kelma tempered u għalhekk kien hemm dan il-konflitt ukoll. Illi hekk kif twaħħlu dawn il-bibien bil-ħġieġ, il-ħġieġ skond ir-rikorrenti ma kienx tempered għax li kieku kien tempered, ma kienx jinqasam.

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti għandu jassigura li, dak li jkun ordna jitniżżel ħalli ma jkunx hemm problemi ekwivoċi, pero' min-naħa l-oħra s-soċjeta' ntimata għandha l-obligu li taċċerta li dak li jinbiegħ mhux se jkun ta' dannu għall-klijent tiegħu, u jekk kien jaf illi ħġieġ normali jista' jinqasam, imissu tah il-parir ukoll biex ma jixtrihx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u b'ekwita' jiddeċiedi illi nofs l-ispejjeż għandhom jitħallsu mir-rikorrenti u nofs l-ispejjeż għandhom jitħallsu mis-soċjeta' ntimata, b'dan illi qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mija, u ħamsa u disgħin ewro (€495), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888